



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14481/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0391(NLE)

ENV 783
MI 857
WTO 301
CHIMIE 75

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Novembru 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 753 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam rigward il-proċeduri ta' konformità

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 753 final.

Mehmuż: COM(2018) 753 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.11.2018
COM(2018) 753 final

2018/0391 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet
għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam rigward il-proċeduri ta' konformità**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċizzjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet (CoP) għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam, b'konnessjoni mal-proposta prevista ta' anness proċedurali dwar il-proċeduri u l-mekkaniżmi istituzzjonali għad-determinazzjoni tan-nuqqas ta' konformità.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam

Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tippromwovi responsabbiltà kondiviża u sforzi kooperattivi fost il-Partijiet fil-kummerċ internazzjonali ta' kimiċi perikolużi, sabiex jiġu protetti s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent, u biex isir kontribut għal użu tagħhom li jirrispetta l-ambjent. Il-Konvenzjoni toħloq obbligi vinkolanti għall-implimentazzjoni tal-proċedura għall-Kunsens Infurmat minn Qabel (PIC), u tipproteġi lill-pajjiżi, b'mod partikolari l-pajjiżi fil-fażi ta' żvilupp, minn esportazzjonijiet mhux mixtieqa ta' kimiċi minn pajjiżi produttori billi timponi obbligi ta' esportazzjoni fuq il-Partijiet esportaturi.

Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.

L-Unjoni Ewropea hija firmatarju tal-Ftehim¹.

2.2. Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam

Stabbilita skont l-Artikolu 18 tal-Konvenzjoni, is-CoP hija l-korp governattiv tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam. Il-korp normalment jiltaqa' kull sentejn biex jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni. Huwa jirrieżamina wkoll il-kimiċi ppreżentati mill-Kumitat ta' Reviżjoni dwar Kimika għall-kunsiderazzjoni tiegħu.

B'konformità mal-Artikoli 44 u 45 tar-Regoli ta' Proċedura għas-CoP għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam, kull parti għandha vot wieħed. Madankollu, l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika bħall-UE jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jivvutaw b'għadd ta' voti li jkun ugwali għall-għadd ta' Stati Membri tagħhom li huma Firmatarji tal-Konvenzjoni.

2.3. L-att previst tal-Konferenza tal-Partijiet

Fid-9 laqgħa ordinarja tas-CoP, li se sseħħ bejn id-29 ta' April u l-10 ta' Mejju 2019, se titqies l-adozzjoni ta' anness addizzjonali dwar il-proċeduri u l-mekkaniżmi istituzzjonali għad-determinazzjoni tan-nuqqas ta' konformità ("l-att previst"). L-anness il-ġdid propost jinkludi *mutatis mutandis* l-istess test li ġie diskuss preċedentement fis-CoP7 u s-CoP8 li kellu l-appoġġ ta' maġġoranza vasta tal-Partijiet.

¹ 2006/730/KE: Id-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2006 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura għall-Kunsens Infurmat bil-Quddiem għal ċerti kimiċi u pestiċidi perikolużi fil-kummerċ internazzjonali; ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23–25 (ES, CS, DA, DE, ET, EL, EN, FR, IT, LV, LT, HU, NL, PL, PT, SK, SL, FI, SV); ĠU L 335M, 13.12.2008, p. 514–519 (MT)

Dan l-anness ikun jaqa' fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 22.2 tal-Konvenzjoni, li jipprevedi proċedura għall-adozzjoni ta' annessi li jikkonċernaw "*materji proċedurali, xjentifiċi, tekniċi jew amministrattivi*". L-att previst jimplika l-applikazzjoni ta' ftehim eżistenti, li ma jibdix il-kamp ta' applikazzjoni jew il-kontenut tal-konvenzjoni.

L-għan tal-att previst huwa li jrendi aktar effettiva l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam, billi jintroduċi mekkaniżmu ta' nuqqas ta' konformità kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 17 jipprevedi li "il-Konferenza tal-Partijiet għandha, malajr daqs kemm prattikabbli, tiżviluppa u tapprova proċeduri u mekkaniżmi istituzzjonali biex tiddetermina nuqqas ta' osservanza tad-disposizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni u għal trattament ta' Partijiet li jinstabu f'nuqqas ta' osservanza".

Id-determinazzjoni tan-nuqqas ta' konformità hija deċiżiva fiż-żieda tat-trasparenza u t-tħejjija tal-Partijiet biex jikkonformaw mal-obbligi internazzjonali tagħhom. Il-proposta annessa tipprovdi mezz alternattiv biex jiġu appoġġati Partijiet li jkunu jixtiequ jistabbilixxu proċeduri ta' konformità, bl-użu ta' test imħejji minn qabel f'laqgħat preċedenti tas-CoP. L-intenzjoni hija li jibdwu jinħasdu l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' konformità faċilitattiv, li se jgħin biex jiġu identifikati problemi u soluzzjonijiet relatati mal-konformità u, fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal Konvenzjoni aktar effettiva.

Għalkemm it-test tal-Konvenzjoni jindika b'mod ċar li l-proċeduri u l-mekkaniżmi biex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' konformità jridu jiġu żviluppati u approvati "kemm jista' jkun malajr prattikabbli", 14-il sena wara d-dħul fis-seħħ tal-Konvenzjoni u n-negozjati matul it-tmien CoPs kollha li saru minn dak iż-żmien, il-Partijiet għadhom ma adottawx dawn il-proċeduri u mekkaniżmi.

B'konformità mal-Artikolu 22.1 tal-Ftehim, l-anness addizzjonali propost għall-Konvenzjoni jkun jiffurma "parti integrali minnha u, ħliet jekk espressament ipprovdut mod ieħor, referenza għal din il-Konvenzjoni tikkostitwixxi fl-istess ħin referenza għall-Annessi magħha". L-adozzjoni tal-anness ma jeħtieġx ratifika mill-Partijiet sabiex jidħol fis-seħħ. Barra minn hekk, kwalunkwe Parti li toponi l-proposta tkun tista' tagħżel li ma tapplikax l-anness il-ġdid, b'konformità mal-Artikolu 22.3(b), li joffri għażla lill-Istati li jivvutaw kontri. Għalhekk, l-att previst ikun vinkolanti fuq il-Partijiet kollha li jkunu għażlu li japplikawh.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Bħala mexxej fit-tfassil tal-politika ambjentali, huwa kruċjali li l-UE terġa' tafferma l-impenn globali tagħha għall-promozzjoni ta' implimentazzjoni aħjar tal-ftehimiet u l-istandards ambjentali multilaterali. Fil-laqgħa tal-WPIEI dwar il-Kimiċi Internazzjonali fis-7 ta' Ġunju 2018, id-delegazzjonijiet tal-Istati Membri diġà appoġġaw b'mod espliċitu, f'isem l-UE, l-inizjattiva ta' proposta għall-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' konformità f'anness addizzjonali għall-konvenzjoni.

Barra minn hekk, din l-inizjattiva hija konformi mal-prijorità ta' Juncker biex l-UE ssir attur globali aktar b'saħħtu b'għanijiet għall-iżvilupp sostenibbli, b'mod partikolari s-saħħa (3) u l-konsum u l-produzzjoni responsabbli (12), kif ukoll mas-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali.

Għalhekk, l-Unjoni jenħtieġ li tappoġġa l-Anness propost u tkun kosponser tiegħu fit-tnejn għas-CoP9.

Trid tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fis-CoP, billi l-anness addizzjonali se jkun vinkolanti fuq l-Unjoni. Din il-pożizzjoni jenħtieġ li tiġi stabbilita kmieni kemm jista' jkun, sabiex tiġi żgurata kosponserizzazzjoni tal-anness addizzjonali.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi l-proċeduri li jikkonċernaw deċiżjonijiet li jstabbilixxu *“l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.”*

Il-kunċett ta' *“atti li jkollhom effetti legali”* jinkludi atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll strumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li *“jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-UE”*².

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Is-CoP hija korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali.

L-att, li s-COP hija mitluba tadotta, jikkostitwixxi att li għandu effetti ġuridiċi. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, b'konformità mal-Artikolu 22-1 tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim. Lanqas ma se jkollu xi influwenza deċiżiva fuq il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-

² Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:UE:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak prinċipali, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissegjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik li jeżiġi l-għan jew il-komponent prinċipali jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-oġġettiv u l-kontenut prinċipali tal-att previst huma relatati mal-“ambjent”. Madankollu, il-miżuri miftiehma skont il-Konvenzjoni ta' Rotterdam, filwaqt li jsegwu oġġettiv ambjentali, huma wkoll fil-biċċa l-kbira ta' natura relatata mal-kummerċ.

4.3. Konklużjoni

Għalhekk, il-bażijiet ġuridiċi tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li jkunu l-Artikolu 207(3) u l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-att tas-CoP se jimplimenta l-Konvenzjoni ta' Rotterdam permezz ta' anness proċedurali ġdid, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li jiġi adottat.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam rigward il-proċeduri ta' konformità

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 192(1) u 207(3), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi Perikolużi fil-Kummerċ Internazzjonali ("il-Konvenzjoni") ġiet konkluża f'isem l-Unjoni bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/730/KE³ u daħlet fis-seħħ fl-24 ta' Frar 2004.
- (2) Skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni, il-Konferenza tal-Partijiet tista' tadotta annessi addizzjonali għall-Konvenzjoni relatati ma' "kwistjonijiet proċedurali, xjentifiċi, tekniċi jew amministrattivi".
- (3) Fid-9 laqgħa ordinarja tal-Konferenza tal-Partijiet, li se sseħħ bejn id-29 ta' April u l-10 ta' Mejju 2019, il-Partijiet se jqisu l-adozzjoni ta' anness proċedurali addizzjonali li jintroduċi mekkaniżmu ta' konformità kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni.
- (4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet, billi l-anness addizzjonali se jkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (5) L-Unjoni terġa' tafferma li huwa kruċjali li tiġi promossa u li jkun hemm impenn globali fir-rigward ta' implimentazzjoni aħjar tal-ftehimiet u l-istandards ambjentali multilaterali.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Konferenza tal-Partijiet li ġejja għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam għandha tkun li jrid jiġi appoġġat l-abbozz ta' att ("l-att previst") meħmuż ma' din id-Deċiżjoni u/jew xi rfinar possibbli, li jirriżulta fl-adozzjoni ta' proċeduri u mekkaniżmi istituzzjonali għad-determinazzjoni tan-nuqqas ta' konformità, kif meħtieġ mill-Artikolu 17 tal-Konvenzjoni.

³ ĠU L 299, 28.10.2006, p. 23–25.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Artikolu 3

L-att previst għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara li jiġi adottat mill-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Rotterdam.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President